# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 22 ta’ Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1589/00**

**Numru 30**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta’ estera Sun Alliance & London Insurance plc**

**vs**

**Emanuel Gatt u Victor Muscat esercenti l-kummerc bl-isem Fajsu & Pizu Auto Dealer**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici noe ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elf lira (Lm1000) li kienet obbligata tisborsa a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta favur l-attur fil-kawza fl-ismijiet GasanMamo Insurance Agency Limited noe vs Emanuel Gatt (Avviz Nru 718/99/JAB) deciza fit-12 ta’ Gunju 2000 li ghaddiet in gudikata,

liema kawza kienet azzjoni ghal risarciment ta' danni wara incident tat-traffiku li gara l-Mosta fit-28 ta' April 1998 li fih kienet involuta l-vettura Nru KBB 447 li l-konvenuti assikuraw mas-socjeta' attrici noe, dwar liema incident il-konvenut qatt ma rregistraw claim mas-socjeta' attrici noe biex b'hekk kienu inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghhom.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 1998 u dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2000, u bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru 2000 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici noe sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-8 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici noe s-somma ta' Lm1000.00,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-

ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-2 ta’ Settembru 1998 u tat-18 ta’ Settembru 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur